MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1681/1999/1

**APS Bank Limited.**

**vs.**

**1.Citadel Insurance plc.**
**2.Garden of Eden Garage Ltd.**
**3.Paul Fenech.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta’ Lulju 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fid-29 ta’ Lulju 1998 ghal xi l-11.30 a.m. f’December 13 Avenue l-Marsa waqt li l-karozza tal-Bank Peugeot 405 Numru AAM 445 allura misjuqa mill-Kav. Alfred Paul Farrugia, Chairman tal-APS Bank Limited kienet wieqfa

biex thalli *pedestrian* jaqsam it-triq minn fuq iz-*zebra crossing*, dahlet fuqha minn wara b'velocita' qawwija vettura LGY 288 proprjeta' tal-'Garden of Eden Garage Ltd.' li kienet misjuqa minn Paul Fenech u kkawzatilha danni ingenti;

Illi l-vettura tal-Bank kienet assikurata *"comprehensively"* mal-Kumpanija assiguratrici 'Citadel Insurance plc';

Illi l-Bank attrici ha l-karozza ghat-tiswijiet mehtiega ghand 'Joe's Garage' ta' Luqa Briffa *Street* Gzira u l-ispiza relattiva giet debitament imhallsa mid-ditta assiguratrici;

Illi izda li t-tiswijiet hadu hafna zmien ghax ghand min ittiehdet il-vettura ghat-tiswijiet ma kellux *available* l-*parts* mehtiega;

Illi fl-intervall il-Bank kellu jikri ghac-*chairman* tieghu vettura ohra li giet mikrija minn 'Marshall Garage' Paola, bir-rata ta' tnax-il lira u nofs (Lm12.50) kull jum;

Illi l-kont tal-'Marshall Garage' ghall-kiri ta' din il-vettura lahaq is-somma ta' Lm2,958 li l-konvenuti jew min minnhom irrifjutaw ihallsu;

Illi l-Bank, li kif inghad kellu l-vettura danneggjata inxurjata *comprehensively* mac-Citadel Insurance plc, hu ntitolat ghar-rifuzjoni tad-danni kollha li sofra fl-incident imsemmi la darba c-c*hairman* tieghu, li kien qed isuq il-vettura danneggjata, ma kellux l-icken tort ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali u ghalhekk il-bank ghandu jitqieghed fl-istat li kien qabel il-habta;

Illi *nonostante* diversi intimi anki gjudizjarji l-konvenuti baqghu inadempjenti *nonostante* r-regola li l-assigurat ghandu jerga' jitqieghed fl-istat li kien qabel l-incident.

Illi ghalhekk l-istess Bank attrici talab lill-konvenuti jew min minnhom premessa d-dikjarazzjoni li l-Bank attrici u/jew ic-*chairman* tieghu ma pprofettawx b'mod kapriccjuz jew irresponsabbli fil-passi li hadu biex il-vettura Peugeot numru 445 tigi msewwija kif imiss, jghidu ghaliex:-

1. M'ghandhomx jigu kundannati jhallsu l-imsemmija somma ta' elfejn disa' mija u tmienja u hamsin lira (Lm2,958) li l-Bank nefaq ghall-kiri ta' karozza alternattiva minghand 'Marshall Garage' Paola sakemm lahqet issewwiet il-vettura Peugeot numru 445 involuta fl-incident fuq imsemmi tad-29 ta' Lulju 1998.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Gunju 1999 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attrici a fol. 3 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti (fol 4 sa 15) u l-lista tax-xhieda (fol 16) tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata nhar is-6 ta' Awissu 1999 minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-smiegh tas-seduta tal-1 ta' Frar 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Garden of Eden Garage Limited datata 22 ta' Dicembru 1999 a fol 20 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi s-socjeta` eccipjenti ma ghandha ebda rapport giuridiku jew mod iehor mas-socjeta` attrici, ma kienet bl-ebda mod involuta fl-incident meritu tal-kontestazzjoni u kwindi ma tista' qatt tigi ikkundannata *ai termini* tad-domanda attrici. B'hekk is-socjeta` eccipjenti ghandha minnufih tigi liberata mill-osservanza tal-giudizzju.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta 'Garden of Eden Garage Limited' a fol 20 u 21 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Citadel Insurance plc. datata 29 ta' Dicembru 1999 a fol 22 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi r-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta ‘Citadel Insurance plc’ bhala assiguratrici tal-vettura tas-socjeta` attrici ghal dak li jirrigwarda l-ispejjes tal-kiri ta’ karozza alternattiva huwa limitat skond il-polza relattiva ghas-somma ta’ mitt Lira Maltija (Lm100), kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk mhuwiex minnu illi s-socjeta` konvenuta Citadel Insurancve plc ghandha thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ elfejn disa' mija u tmienja u hamsin lira (Lm2,958) bhala spejjes ta’ kiri ta’ karozza.

2. Illi ghar-raguni fuq esposta s-socjeta` konvenuta Citadel Insurance plc m’ghandhiex tbati spejjes *stante* illi kienet f’diversi okkazzjonijiet offriet l-istess Lm100 (*oltre* somma ohra kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza) lill-istess socjeta` konvenuta u din baqghet tirrifjuta milli taccetta l-istess somma minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Mark Asciak ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Citadel Insurance plc u l-lista tax-xhieda kif jidher a fol 23 u 24 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-1 ta’ Frar 2000 a fol 27 tal-process; u tal-5 ta’ April 2000 (fol 29), il-kawzi gew differiti ghan-notifika tal-konvenut Paul Fenech ghall-5 ta’ April 2000.

Rat ir-rikors tal-APS Bank Limited datat 12 ta’ April 2000 (fol 30) fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna n-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali. Il-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-13 ta’ April 2000.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Fenech datata 8 ta’ Mejju 2000 a fol 33 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati mis-socjeta` attrici huma mhux biss eccessivi izda esegerati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Paul Fenech u l-lista tax-xhieda kif jidher a fol 23 u *a tergo* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-13 ta’ Gunju 2000 (fol 36) fejn deher Dr. Christopher Vella ghas-socjeta` konvenuta ‘Citadel Insurance’ u Dr. Paul Mallia ghas-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghall-provi arttrici ghad-19 ta’ Ottubru 2000 bil-fakolta` li s-socjeta` attrici tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura ta’ l-affidavits sat-2 ta’ Ottubru 2000 bin-notifika lill-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata l-1 ta’ Settembru 2000 a fol 37 tal-process li biha esebixxa l-affidavit ta’ **Alfred P. Farrugia** b’kopja biex tigi notifikata lill-konvenuti.

Rat l-istess affidavit imsemmija ta’ Alfred P. Farrugia.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta ‘Garden of Eden Garage Limited’ ipprezentata fl-11 ta’ Settembru 2000 (fol 40) li biha rriservat d-dritt li taghmel il-kontro-ezami ta’ Alfred P.Farrugia.

Rat in-nota tal-konvenut Paul Fenech datata 15 ta’ Settembru 2000 (fol 41) li biha rriserva l-kontro-ezami tax-xhieda bl-affidavit ta’ Alfred P.Farrugia.

Rat in-nota tad-ditta attrici pprezentata fit-13 ta’ Ottubru 2000 (fol 42) li biha esebixxa l-affidavit ta’ **Dun Giusepp Brincat** ghan-nom ta’ l-APS Bank.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tad-19 ta’ Ottubru 2000 (fol 44) fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti ordnat lill-atturi sabiex

jinnotifikaw l-affidavits taghhom li kien ghadhom mhux notifikati. Dr.Tonio Mallia ddikjara li kien baqghalu biss xhud lis-surgent li nvestiga l-kaz. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-6 ta' Frar 2001 b'dan li l-konvenuti jipprezentaw l-affidavits taghhom sal-15 ta' Jannar 2001, bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva tal-kontro-ezami.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta 'Citadel Insurance plc' datata 19 ta' Jannar 2001 (fol 46) li permezz taghha esebiet x-xhieda u xi dokumenti ta' **Mark Asciak** permezz tal-procedura ta' l-affidavit.

Rat ir-rikors ta' Dr. Paul Mallia pprezentat fl-1 ta' Frar 2001 fejn talab lill-Qorti li l-kawza tigi differita ghal gurnata ohra.

Rat il-verbali tas-seduti tal-Qorti kif hekk presjeduta tas-6 ta' Frar 2001 (fol 55) fejn deher Dr. Chris Vella ghas-socjeta` konvenuta u Dr.Vella ghas-socjeta` konvenuta l-ohra. Il-Qorti rat ir-rikors tad-difensuri tas-socjeta` attrici tal-1 ta' Frar 2001, laqghet it-talba, u ddifferiet l-kawza ghall-iskop tal-verbal precedenti filwaqt li kkonfermat id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru 2000 fit-terminu ta' l-affidavits tal-konvenuti sabiex jigu estizi ghall-ahhar darba ghal tletin (30) gurnata mid-data ta' dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghat-22 ta' Marzu 2001; tat-22 ta' Marzu 2001 fejn deher Dr.Paul Mallia ghas-socjeta` attrici u Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta` konvenuta 'Garden of Eden'. Il-konvenuti l-ohra u d-difensuri taghhom baqghu ma dehrux. Dr. Vella ddikjarat li s-socjeta` minnha rapprezentata m'ghandhiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha li fadal tal-konvenuti l-ohra ghad-19 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota tal-konvenut **Paul Fenech** datata 17 ta' Mejju 2001 a fol 59 fejn biha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tad-19 ta' Gunju 2001 (fol 61) fejn deher Dr. Chris Vella ghas-socjeta` konvenuta 'Citadel Insurance plc.' Il-Qorti ordnat lill-konvenut Paul Fenech

sabiex jinnotifika l-affidavit tieghu lill-konvenuti l-ohra u halliet il-kawza ghall-ahhar darba ghall-konkluzjoni tal-provi kollha tal-partijiet ghat-30 ta’ Ottubru 2001; tat-30 ta’ Ottubru 2001 (fol 63) fejn deher Dr. Chris Vella ghas-socjeta` konvenuta u Mark Asciak ghall-istess. Il-konvenuti l-ohra u s-socjeta` attrici baqghu ma dehrux. Aktar tard deher il-konvenut Paul Fenech u Dr. Stephen Thake li assuma l-patroncinju tal-konvenut Paul Fenech. Xehed **Mark Asciak** prodott mis-socjeta` konvenuta ‘Citadel Insurance plc’ u sar il-kontro-ezami minn Dr. Stephen Thake. Dr. Vella ddikjara li ma kellux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenuti l-ohra ghad-9 ta’ Jannar 2002; tad-9 ta’ Jannar 2002 (fol 71) fejn deher Dr. Chris Vella ghas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici u d-difensuri taghha ssejhu tliet darbiet baqghu ma dehrux. Dehret ukoll Dr. Gabriella Vella ghal ‘Garden of Eden’. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher ukoll Dr. Stephen Thake. Xehed **Angelo Spiteri** prodott mill-konvenut Fenech. Inghata digriet. Ix-xhud Alfred P. Farrugia debitament ingunt u ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-Qorti ghalhekk sabitu hati ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti, immultatu multa ta’ hamsin lira (Lm50) u li kellu jinhareg kontra tieghu mandat ta’ skorta ghas-seduta li kien imiss. Dr. Vella impenja ruhu li Mark Asciak ghandu jidher fis-seduta li kien imiss biex isir il-kontro-ezami tieghu. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet u finali trattazzjoni ghall-5 ta’ Marzu 2002.

Rat ir-rikors ta’ Alfred P. Farrugia datat 11 ta’ Jannar 2002 fejn talab lill-Qorti tahfirlu l-multa inflitta lilu. Il-Qorti, b’digriet taghha tal-14 ta’ Jannar 2002 laqghet it-talba b’dan li r-rikorrenti permezz ta’ nota fir-Registru fi zmien sebat ijiem (7) mill-istess data tad-digriet ried jipprezenta nota fejn jobbliga ruhu li jidher fis-seduta li kien imiss.

Rat in-nota ta’ Alfred P. Farrugia (fol 89) li biha kkonferma u obbliga ruhu li huwa impenja ruhu biex jattendi ghas-seduta li kien imiss tal-5 ta’ Marzu 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-5 ta’ Marzu 2002 (fol 90) fejn deher Dr. Paul

Mallia ghas-socjeta` attrici u Dr. Chris Vella ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Stephen Thake u x-xhud Paul Camilleri debitament ingunt imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ghalhekk sabet lil Paul Camilleri hati ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti, immultatu Lm50 u inhareg kontra tieghu Mandat ta’ Skorta biex jattendi ghas-seduta li kien imiss. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-partijiet ghall-24 ta’ Mejju 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-24 ta’ Mejju 2002 a fol 98 tal-proces fejn deher Dr. Paul Mallia ghall-Bank attur. Il-Qorti, wara li semghet lil Paul Camilleri rrevokat *contrario imperio* d-digriet moghti mill-Qorti fil-5 ta’ Marzu 2002 fejn l-istess Paul Camilleri kien gie mmultat ghal disprezz. Xehdu **Paul Camilleri, Dr.Mark Sammut u Alfred Farrugia** lkoll prodotti mis-socjeta` attrici. Mark Asciak u Angelo Spiteri ssejhu tliet darbiet baqghu ma dehrux. Billi irrizulta li gew debitament notifikati, il-Qorti sabithom hatja ta’ disprezz u wahlithom Lm50 multa, u ordnat l-hrug ta’ mandat ta’ skorta ghas-seduta li kien imiss. Il-kawza giet differita ghat-8 ta’ Ottubru 2002. Aktar tard dehru l-istess Mark Asciak u Angelo Spiteri illi wara li nghatat spjegazzjoni opportuna l-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet li kien ghadu kif inghata fejn instabu hatja ta’ disprezz.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-29 ta’ April 2003; u l-ordni taghha tat-13 ta’ Gunju 2003; u tal-24 ta’ Ottubru 2003 fejn deher Dr. Paul Mallia ghas-socjeta` attrici. Il-kawza giet posposta. Sussegwentament deher Dr.Stephen Muscat u Dr. Edmond Zammit Laferla ghal ‘Citadel Insurance’ u Dr. Aldo Vella ghall-konvenut Spiteri. Xehed **Alfred Farrugia** prodott mill-konvenut. Mark Asciak issejjah diversi drabi. Il-Qorti giet informata minn Dr. Stephen Muscat li Mark Asciak ma kienx ghadu jahdem mas-socjeta` ‘Citadel Insurance’ u mir-riferta fuq l-ingunzjoni ma jidhirx li gie ngunt personalment. Il-kawza giet differita ghall-provi konvenuti ghall-5 ta’ Dicembru 2003.

Rat ir-rikors ta’ Paul Fenech datat 10 ta’ Novembru 2003 fejn talab lill-Qorti joghgobha tawtorizzah jipproduci lill-imsemmija rapprezentant tal-imsemmija ditta “IMP (Malta) Limited” u “Michael Attard Limited” bhala xhieda tieghu ghalkemm mhux indikati fil-lista tax-xhieda originarjament prezentata. Il-Qorti kif diversament presjeduta, fid-digriet taghha tal-14 ta’ Novembru 2003, ordnat in-notifika ta’ l-istess lill-kontro-parti bil-fakolta` ghar-risposta fi zmien ghaxart ijiem (10).

Rat ir-risposta tas-socjeta` ‘Citadel Insurance plc’ datata l-1 ta’ Dicembru 2003 fejn is-socjeta` esponenti ma kellha l-ebda oggezzjoni ghat-talba msemmija u ghaldaqstant talbu lill-Qorti joghgobha tilqa’ din it-talba u dan taht kull provvediment iehor xieraq  u opportun.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta’ Dicembru 2003 a fol 154 fejn deher Dr. Paul Mallia ghall-Bank attur u Dr. Stephen Muscat, Dr. Stephen Thake u Dr. Aldo Vella ghall-konvenuti. Xehed **Dr. Edmond Zammit Laferla** prodott mill-konvenut. Dr.Paul Mallia rrileva li huwa pprezenta risposta ghar-rikors ta’ Paul Fenech li ma kinetx in atti. Il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Frar 2004 ghall-provvediment u kontinwazzjoni.

Rat ir-risposta ta’ l-APS Bank Limited ghar-rikors ta’ Paul Fenech ta’ l-10 ta’ Novembru 2003 datata l-5 ta’ Dicembru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-17 ta’ Frar 2004 fol 163 fejn dehru l-Avukat Paul Mallia ghal Bank attur, Dr.Stephen Thake ghall-konvenut Fenech, l-Avukat Dr. Stephen Muscat ghall-Citadel u l-Avukat Aldo Vella ghas-socjeta` ‘Gaden of Eden Garage’. Il-Qorti wara li semghet il-partijiet, laqghet it-talba tar-rikorrent ghall-produzzjoni tax-xhieda tas-socjeta` ‘Imp Ltd’ u ‘Michael Attard Ltd’. Xehed **Angelo Spiteri** prodott mill-konvenut Fenech u esebixxa 3 kopji

ta' 3 *log books* li gew immarkati 'AS1' sa 'AS3'. Giet prezentata nota b'dokumenti mill-Avv. Dr. Stephen Muscat ghall-'Citadel Insurance'. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi ghas-16 ta' April 2004.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed **Alfred Farrugia** prodott mis-socjeta` konvenuta u **Dr. Edmond Zammit Laferla** ghan-nom ta' 'Citadel Insurance plc.' Michael Attard u Hubert Agius debitament ingunti meta issejhu ma dehrux u l-Qorti sabithom hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita` taghha u kkundannathom ghoxrin Lira Maltin (Lm20) kull wiehed bhala multa u ordnat li ghas-seduta li kien imiss jingiebu b'Mandat ta' Skorta. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Mejju 2004.
Rat ir-rikors ta' Michael Attard datat 22 ta' April 2004 (fol 197) fejn talab lill-Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-16 ta' April 2004 li permezz tieghu l-esponenti instab hati ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u gie kkundannat ihallas is-somma ta' Lm20; tirrevoka *contrario imperio* l-ordni tal-Qorti tas-16 ta' April 2004 li ghas-seduta li kien imiss l-esponenti jingieb quddiem il-Qorti permezz ta' Mandat ta' Skorta; u taghti kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat id-digriet taghha fis-27 ta' April 2004, u irrevokat bil-konfront ta' l-istess rikorrent l-ordni ghal hrug ta' Mandat ta' Skorta. Rigward il-multa l-Qorti irreservat li tipprovdi fl-udjenza li kien imiss.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-28 ta' Mejju 2004; u tat-22 ta' Ottubru 2004 (fol 203) fejn deher Dr. Stephen Muscat ghas-socjeta` konvenuta. Xehed **Dr. Edmond Zammit Laferla.** Dr.Stephen Muscat iddikjara li s-socjeta` konvenuta 'Citadel Insurance' ma kellhiex provi aktar. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr.Stephen Thake ghall-konvenut Paul Fenech li kien prezenti. Xehed **Emanuel Galea** rapprezentant ta' 'Michael Attard Limited' prodott mill-konvenut li wkoll

ipprezenta *folder* li gie mmarkat bhala Dok. “EG” bl-“*Estimate Parts Price List dating to 1998 for Peugeot 405”*. Il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tas-16 ta’ April 2004 fil-konfront ta’ Michael Attard u ordnat li x-xhud Hubert Agius jingieb bl-eskorta ghas-seduta li kien imiss. Il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Jannar 2004 ghall-kontinwazzjoni.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-14 ta’ Jannar 2005 u l-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Marzu 2005 a fol 255 fejn deher Dr. Stephen Thake ghas-socjeta` attrici. Xehed **Hubert Agius** prodott mill-konvenut u li pprezenta tliet dokumenti li gew immarkati Dok. ‘X1’, Dok ‘X2’ u Dok ‘X3’. Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ April 2005 ghall-ezami tad-dokumenti li gew prezentati mix-xhud Hubert Agius; tas-6 ta’ April 2005 fejn deher Dr. Stephen Muscat ghas-socjeta` Citadel Insurance plc. Ghas-socjeta` attrici ma deher hadd. Dr. Stephen Thake u Dr. Stephen Muscat iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar xi jressqu. Il-Qorti tat digriet li permezz tieghu l-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet u l-kawza giet differita ghall-prezentata tan-nota da parti tas-socjeta` attrici ghall-25 ta’ Mejju 2005.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Bank attur datata 14 ta’ April 2005 a fol 269 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-25 ta’ Mejju 2005 (fol 271) fejn deher Dr. Stephen Muscat ghas-socjeta` ‘Citadel Insurance’ u rapprezentant ta’ l-istess. Il-kawza giet differita ghat-12 ta’ Ottubru 2005 ghall-prezentata tan-noti tal-konvenuti bil-*visto* reciproku tal-partijiet; u tat-12 ta’ Ottubru 2005 fejn deher Dr.Simon Schembri li assocja ruhu fil-patrocinju tas-socjeta’ konvenuta ‘Citadel Insurance’ ma’ Dr.Stephen Muscat u pprezenta nota responsiva b’kopji ghal kontro-parti. Il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Dicembru 2005 ghall-ezami tan-noti.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` konvenuta ‘Citadel Insurance p.l.c.’ ipprezentata *seduta stante* tat-12 ta’ Ottubru 2005

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-2 ta’ Dicembru 2005 a fol 277 tal-process fejn deher il-konvenut Paul Fenech u deher ukoll Dr.Stephen Thake li talab estensjoni ta’ zmien ghal prezentata tan-nota tal-konvenut Paul Fenech u tas-socjeta` ‘Garden of Eden Ltd’. Il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Jannar 2006 ghal dan l-iskop.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 25 ta’ Jannar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-8 ta’ Marzu 2006 a fol 279 tal-process fejn dehret Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta` ‘Garden of Eden Ltd’., Dr.Stephen Thake ghall-konvenut Paul Fenech u Dr.Joseph Camilleri ghas-socjeta` konvenuta ‘Citadel Insurance’. Dr.Gabriella Vella rrilevat li ma kellhiex nota ta’ osservazzjonijiet x’tipprezenta. Dr.Stephen Thake talab estensjoni ghall-prezentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u ipprefeggiet terminu ta’ tletin (30) jum. Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Mejju 2006 ghall-finali trattazzjoni.

Rat in-noti tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-18 ta’ Mejju 2006 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta’ Ottubru 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-unika kontestazzjoni f’din il-kawza hija mhux ir-responsabbilta’ ta’ l-incident imsemmi fic-citazzjoni attrici, liema responsabbilta’ giet ammessa, u fil-fatt is-socjeta’ assiguratrici taz-zewg vetturi involuti fl-incident, li hija dik

medesima u cjoe’ s-socjeta’ konvenuta Citadel Insurance plc, hallset ghall-ispejjez kollha sabiex giet irrangata l-istess vettura, izda dak li s-socjeta’ attrici qed issejjah bhala l-kiri tal-karozza sakemm l-vettura tas-socjeta’ konvenuta giet irrangata u fil-fatt qed tigi rikjamata mill-konvenuti jew uhud minnhom is-somma ta’ Lm2,958 rappresentanti kera ta’ karozza bir-rata ta’ Lm12.50 kuljum minghand il-Marshall’s Car Rental & Lease ghall-perjodu bejn id-29 ta’ Lulju 1998 sal-25 ta’ Marzu 1999, u dan ghall-perjodu li l-istess socjeta’ attrici tghid li damet biex tissewwa l-karozza ghand Joe’s Garage, ta’ Triq Luqa Briffa Gzira, u dan ghaliex is-socjeta’ attrici tghid li ma kienx hemm *spare parts* disponibbli u ghalhekk kellhom jistennew dan iz-zmien kollu.

Illi jirrizulta mill-provi li d-decizjoni li l-istess karozza tittiehed ghand dan il-*garage* inhadet mis-socjeta’ attrici stess u dan skond ix-xhieda tal-Kavalier Alfred P. Farrugia, allura *Chairman* ta’ l-istess bank, u jidher li skond ix-xhieda li huwa ta fis-16 ta’ April 2004 kien huwa li ghazel kemm ghand min tissewwa l-karozza u wkoll ghand min jikri l-istess karozza u dan huwa kkonfermat mix-xhieda tar-Reverendu Joseph Brincat fl-affidavit tieghu datat 12 ta’ Ottubru 2000, li hemm deskritta l-kariga tieghu bhala dik ta’ *Senior Manager Admistration* a fol. 43.

Illi l-istess Alfred Farrugia sostna li ma immaginax li l-karozza kienet ser iddum iktar minn gimghatejn jew tlett gimghat biex tirranga ruhha, Izda minkejja dan il-karozza damet sabiex tissewa dan iz-zmien kollu indikat mis-socjeta’ attrici u dan huwa kkonfermat minn Mark Sammut u Paul Camilleri (xhieda – 24 ta’ Mejju 2002) li anke esebew ricevuti tal-hsara sofferta fil-karozza tas-socjeta’ attrici u hemm ricevuti datati 31 ta’ Awissu 1998 (Dok. “PC 3” u PC “4”) ghall-*parts*, ricevuti tal-VAT ghax-xoghol ta’ tiswija datati 24 ta’ Marzu 1999 u 19 ta’ April 1999 (Dok. “PC 5”) u ohrajn datati 22 ta’ Marzu 1999 u 19 ta’ April 1999 (Dok. “PC6”); 12 ta’ Ottubru 1998 u 29 ta’ Marzu 1999 (Dok. “PC 7”); 29 ta’ Marzu 1999 mis-socjeta’ IMP Limited datata 29 ta’ Marzu 1999 (Dok. “PC 8”); 19 ta’ Mejju 1999 u 20 ta’ April 1999 (Dok. “PC 9” u Dok. “PC

10”); 4 ta’ Mejju 1999 minn Carwise Limited (Dok. “PC 11”); 29 ta’ April 1999 (Dok. “PC 12”); u 7 ta’ Frar 2000 bhala Dok. “PC 13”, apparti xoghol ta’ *spray* datat 10 ta’ Marzu 1999 – Dok. “PC 1” u VAT *receipt* datata 9 ta’ Marzu 1999 – Dok. “PC 2” kollox minn fol. 109 sa fol. 121 tal-process. Ir-ricevuti tat-tiswija kollha hargu jew fuq il-bank jew fuq is-socjeta’ assiguratrici, fil-waqt li l-ircevuti tal-kera tal-vettura mertu tal-kawza odjerna hargu kollha fuq Mr. Farrugia ghall-A.P.S. Bank kif jidher mid-dokumenti Dok. “A1” minn fol. 122 sa fol. 129 tal-process.

Illi huwa sinifikanti skond ix-xhieda ta’ Alfred Farrugia li kien ic-Chairman tal-Bank attur, li huwa kien jaf li s-socjeta’ assiguratrici konvenuta kienet irrifjutat li thallas u qal li *“jista’ jkun”* li kien hemm *“limit of liability’* fuq l-ammont indikat u mertu tac-citazzjoni attrici u dan johrog mix-xhieda tieghu datata 24 ta’ Ottubru 2003. Mhux hekk biss izda li minkejja li ovvjament kien konxju tal-fatt li l-karozza kienet damet wisq izjed minn kemm suppost biex tissewwa qatt ma tkellem minghand min kera l-istess karozza dwar bdil ta’ rati – jghid li dawn l-affarijiet kien jiehu hsiebhom l-*Administration Manager* Gruppetta. Jghid li kienu ta’ Joe’s Garage li ghamlu l-ordni mas-*suppliers* tal-*parts* u dan fix-xhieda tieghu tas-16 ta’ April 2004. Jghid li huwa stess mar ghand *suppliers* ohra li pero’ ma riedux jidhlu fuq haddiehor skond huwa, ghalkemm bl-ebda mod ma indika min kienu dawn is-*suppliers* li huwa indika. Mhux hekk biss izda jghid ukoll li f’dan kollu qatt ma involva lis-socjeta’ Citadel Insurance plc ghaliex skond huwa *“ma gietnix go mohhi”* – (fol.188).

Illi min-naha taghha s-socjeta’ konvenuta Citadel Insurance Agency plc anke *tramite* r-rappresentant taghha Mark Asciak sostniet li l-vettura tas-socjeta’ attrici kienet koperta b’polza *comprehensive* izda li kellha limitu ta’ responsabbilta’ ghall-kiri ta’ karozza sakemm tkun qed tissewwa l-karozza hekk assikurata sas-somma ta’ Lm100 deskritta fl-istess polza esebita bhala Dok. “MA 1” a fol. 48 *et sequitur* tal-process deskritta bhala wahda mill-*“Optional Extensions”* f’paragrafu 4 ta’ l-istess polza, allura f’pagna 50 tal-process, bil-kliem:-

*"Do you wish to extend your policy to cover the use of an alternative vehicle following loss or damage to your own vehicle. This additional cover is at an extra cost and we will contribute a daily amount of Lm5,00 subject to a maximum amount of 20 days".* Din l-ghazla s-socjeta' attrici haditha pero' l-massima ta' responsabbilta' taghha ghall-istess kienet b'hekk ristretta ghal Lm100. Din is-somma giet offerta lis-socjeta' attrici izda jidher car li din l-offerta ma gietx accettata.

Illi l-istess socjeta' tghid li peress li hija kienet s-socjeta' assiguratrici li kopriet l-karozza tas-socjeta' konvenuta "Garden of Eden Limited", misjuqa mill-konvenut Paul Fenech, hija bhala socjeta' assiguratrici ta' din il-vettura, accettat it-tort ta' l-incident u offriet li thallas is-somma ta' Lm250, ghaliex din kienet il-massimu tal-polza fuq il-vettura Reg. No. LGY – 288 proprjeta' tas-socjeta' Garden of Eden u dwar dan hemm konferma wkoll b'*fax* datata 29 ta' Dicembru 1998 a fol. 65 tal-process u immarkata bhala Dok. "MA" mibghuta minn Mark Asciak lill-kompjant Dr. Paul Mallia ghas-socjeta' attrici, fejn jinghad li l-istess socjeta' konvenuta assiguratrici kienet lesta li thallas l-hsara ta' l-istess vettura izda l-limitu ta' *"car hire"* kien ta' Lm250 u jinghad li b'dan kien informat *"Mr. Edwin Gruppetta just a few days after the accident occurred".* Dan minbarra l-Lm100 imsemmija iktar il-fuq bhala kopertura ghall-polza ta' assigurazzjoni *comprehensive* li kien hemm fuq il-vettura tas-socjeta' attrici, u li dawn l-ammonti gew ikkonfermati mix-xhieda *viva voce* ta' l-istess Mark Asciak fit-30 ta' Ottubru 2001 a fol. 66 sa 68 tal-process. Dan ifisser li s-socjeta' konvenuta kienet lesta li thallas l-ammont ta' Lm350 bhala massimu ghall-*car hire*. Dan kien anke kkonfermat mix-xhieda ta' Dr. Edmond Zammit Laferla datata 16 ta' April 2004 (fol. 189 sa fol. 190) u kkonferma wkoll li l-ordnijiet ghall-*parts* saru mis-socjeta' attrici (xhieda – 22 ta' Ottubru 2004 – fol. 205) u mhux minnhom u b'hekk ikkorega x-xhieda tieghu tal-5 ta' Dicembru 2003 – ghalkemm jidher car li huwa ma kienx involut fil-kaz personalment f'dak iz-zmien.

Illi jidher car ukoll li l-istess imsemmija *fax* datata 29 ta' Dicembru 1998 a fol. 65 tal-process u mmarkata bhala

Dok. “MA 1” mibghuta minn Mark Asciak lill-kompjant Dr. Paul Mallia ghas-socjeta’ attrici, kienet b’risposta ghall-ittra li kiteb l-istess Dr. Paul Mallia fil-15 ta’ Dicembru 1998 lis-socjeta’ Citadel Insurance plc – Dok. “EZL 01” a fol. 155 tal-process fejn l-istess socjeta’ attrici informat lill-kumpanija assiguratrici li kienet qed tikri karozza bir-rata ta’ Lm12.50 u li kienet qed tippretendi li l-istess socjeta’ konvenuta assiguratrici thallas l-istess ammont, izda li s-socjeta’ konvenuta Citadel Insurance plc irrifjutat li taghmel u dan kif spjegat fir-risposta appuntu datata 29 ta’ Dicembru 1998.

Illi Dr. Edmond Zammit Zerafa sar jaf li l-*parts* kienu damu biex gew biss bl-ittra tal-15 ta’ Dicembru 1998. Jirrizulta wkoll li l-bank attur kiteb lis-socjeta’ assiguratrici fil-14 ta’ April 1999 u fit-23 ta’ April 1999 saret risposta bl-offerta ta’ Lm350 – Dok. “EZL 2” u Dok. “EZL 3”.

Illi konvenut Paul Fenech ikkonferma li sar l-incident u jghid li s-sewwieqa involuti imlew il-karti ta’ l-*insurance* ta’ kif gara l-incident u assuma li n-naha l-ohra kienet ser tithallas mill-*insurance* li kopriet il-vettura tax-xoghol tieghu, u kien biss wara sena mill-incident li huwa bla ebda pre-avviz ircieva c-citazzjoni odjerna, u jghid li qatt ma kien jaf li s-socjeta’ konvenuta kienet kriet karozza ghal dak iz-zmien kollu, skond huwa esagerat, ghaliex kieku kien jaf b’dan huwa kien lest li jirranga ma’ l-imghallem tieghu Angelo Spiteri u kien jaghtih, jekk kien hemm bzonn karozza huwa; dan ikkonfermah mieghu Angelo Spiteri stess li qallu li kien itieh karozza ghal kemm kellu bzonn, jekk kien hekk il-kaz.

Illi Angelo Spiteri ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta Garden of Eden Limited sostna li minn l-ahhar ta’ Lulju 1998 sa’ l-ahhar ta’ Settembru 1999 huwa kellu disponibbli tliet karozzi tal-marka Daewoo’s li kienu ghadhom godda kif jidher mid-dokumenti Dok. “AS 1” sa Dok. “AS 3” u huwa jghid li kien lest li jaghtiha lill-Bank kieku kien jaf li kienet qed tikri karozza b'dik ir-rata li ssemmiet f’din il-kawza, u jghid li sar jaf b’din il-kirja biss xi sena u xi haga wara l-incident.

Illi fl-ahharnett fix-xhieda tieghu datata 22 ta’ Ottubru 2004 Emanuel Galea ghan-nom tas-socjeta’ Michael Attard Limited sostna li fis-sena 1998 jirrizulta li skond l-Estimate tal-*Parts Price List* ghall-Peugeot 405 esebita bhala Dok. “EG”, il-parts kollha kienu disponibbli hlief ghall-Fuel Tank No. 150065, izda din kienet tasal Malta fi tlett gimghat.

Illi skond ix-xhieda ta’ Hubert Agius ghas-socjeta’ *International Motor Parts Limited* l-ordni ghall-*parts* dahlu fil-31 ta’ Awissu 1998 u dati ohrajn cjoe’ 12 ta’ Ottubru 1998 u 31 ta’ Mejju 1999 u skond kif jidher mid-dokumenti Dok. “X1” sa Dok. “X3” a fol.256 sa 258 tal-process; l-ahhar dokument imsemmi huwa l-istess bhala dak esebit a fol. 121 tal-process.

Illi meta din il-Qorti ikkonsidrat il-provi kollha prodotti u hawn riportati jirrizulta li s-socjeta’ attrici ghamlet kawza dwar l-ispejjez li ghamlet is-socjeta’ attrici wara l-incident tad-29 ta’ Lulju 1998 sabiex kriet karozza ohra sakemm giet rrangata dik bil-hsara operazzjoni li damet sal-25 ta’ Marzu 1999, u din il-karozza inkriet bir-rata’ ta’ Lm12.50 kuljum ghal dan iz-zmien kollu u tellghet ammont ghall-Lm2,958, ammont li huwa sostanzjali.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti lanqas huwa car fuq liema binarju jew binarji l-istess socjeta’ attrici ghamlet l-azzjoni taghha, u dan ghaliex r-relazzjoni taghha mat-tlett konvenuti citati hija wahda kompletament differenti, tant li mas-socjeta’ assiguratrici konvenuta ghandha relazzjoni kontrattwali minhabba l-polza u wkoll bhala assiguratrici tal-karozza l-ohra involuta fl-istess incident, koperta mill-istess socjeta’ assiguratrici, li assumiet, skond ix-xhieda taghha moghtija r-responsabilita’ li thallas ghall-hsara kkawzata fl-istess incident anke fejn jidhol l-assigurat taghha, s-socjeta’ Garden of Eden Garage Limited, dejjem sal-limitu tal-koperta’ tieghu; mal-konvenut Paul Fenech ghaliex huwa kien responsabbli ta’ l-istess incident, u mas-socjeta’ konvenuta l-ohra bhala proprjetarja tal-karozza li habtet ma’ dik tas-socjeta’ attrici.

Illi mill-mod kif giet redatta l-istess citazzjoni ovvjament l-kawzali ta’l-istess ma’ hijiex cara u dan anke minhabba li

r-relazzjoni ta’ l-istess mal-konvenuti hija dejjem differenti; hekk per ezempju din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda relazzjoni bejn is-socjeta’ konvenuta Garden of Eden Garage Limited u s-socjeta’ attrici, ghaliex il-fatt li l-istess socjeta’ hija proprjetarja tal-vettura LGY – 288 li kienet involuta fil-habta indikata ma jfissirx li l-istess socjeta’ hija responsabbli ghad-danni naxxenti mill-istess.

Illi r-relazzjoni tas-socjeta’ attrici mas-socjeta’ konvenuta assiguratrici hija regolata bil-polza ta’ assigurazzjoni fejn hemm *comprehensive policy* u hemm limitazzjoni ghall-kiri ta’ karozza fl-ammont ta’ Lm100 – dan lanqas biss huwa kkontestat u jirrizulta mil-limitazzjoni fl-istess polza; jekk wiehed ihares lejn l-istess socjeta’ konvenuta assiguratrici li kopriet il-karozza misjuqa mill-konvenut Paul Fenech, jidher ukoll li fuq l-istess polza hemm limitu ghall-kiri tal-karozza ta’ Lm250, u la darba l-istess socjeta’ assiguratrici, kif ammettiet hija stess hadet responsabbilta’ ta’ l-incident, hija dahlet u assumiet l-obbligu li thallas tal-hsara nkluz l-*loss of use,* pero’ hawn fil-limitu ta’ Lm250; b’hekk is-socjeta’ konvenuta assiguratrici offriet is-somma ta’ Lm350 bhala kumpens ghall-*loss of use* li pero’ ma giex accettat mis-socjeta’ attrici.

Illi hawn jidhol il-punt safejn tista’ tirnexxi l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta’ assiguratrici u din il-Qorti thoss li bil-mod kif saret ic-citazzjoni attrici jidher li l-istess giet citata mis-socjeta’ attrici biss ghaliex kellha l-karozza taghha inxurjata maghha b’mod *comprehensive,* u ghalhekk din il-Qorti taqbel ma’ dak sottomess mill-istess socjeta’ assiguratrici konvenuta fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, li l-unika responsabbilta` taghha kjamata *in ballo* f’din il-kawza kienet dik kontrattwali u ghalhekk l-ammont li ghandha thallas is-socjeta’ assiguratrici lil dik attrici huwa il-massimu ndikat fil-polza ta’ mitt lira Maltija li certament l-istess socjeta’ attrici hija marbuta bihom ghaliex huma ben cari u in iskritt u certament li jindika li tali kondizzjonijiet gew accettati mill-istess socjeta’ attrici bhala firmatarja ta’ l-istess polza (**“Joseph Mamo vs Joseph Grech nomine”** - P.A. (T.M) - 3 ta’ Ottubru 2002 – Citaz. Numru 108/1993/1);

**"Joseph Rizzo vs John Formosa nomine"** - P.A. (T.M) - 3 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru 640/1993/2).

Illi dwar danni ikkawzati mill-incident awtomobilistiku huwa wkoll responsabbli l-konvenut Paul Fenech, li fil-verita' r-responsabbilta' tieghu giet assunta mis-socjeta' konvenuta assiguratrici minhabba l-polza ezistenti fuq il-vettura minnu misjuqa; izda ovvjament anke jekk jinghad li l-konvenut huwa responsabbli ta' l-incident in kwistjoni, wiehed irid joqghod attent li din il-kawza lanqas hija kawza fuq hekk; fil-fatt lanqas saret talba sabiex l-istess konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-istess incident; anzi din hija kawza fejn l-istess konvenut qed jinzamm responsabbli ghall-kiri ta' l-istess karozza sakemm il-karozza tas-socjeta' attrici li maghha l-konvenut habat meta kien involut fil-kollizzjoni tad-29 ta' Lulju 1998 issewwiet, u dan ghall- perjodu bejn id-29 ta' Lulju 1998 sal-25 ta' Marzu 1999, cjoe' perjodu ta' disa' xhur b'kirja kuljum ta' karozza bir-rata ta' Lm12.50 kuljum.

Illi din il-Qorti thoss li anke hawn l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi fil-konfront tal-konvenut u dan peress li jidher li dan l-ammont esagerat ta' kiri ta' karozza ma kienx ikkawzat minhabba l-incident *de quo* izda minhabba n-nuqqas ta' diversi persuni, inkluz s-socjeta' atttrici stess u l-persuni inkarigati mis-socjeta' attrici sabiex isibu u jixtru l-*parts* f'perjodu ragonevoli, u fil-fatt il-karozza ma ssewwietx ghaliex min kien responsabbli ghax-xiri tal-*parts* ma ghamilx xogholu sew, u dan iktar u iktar meta s-socjeta' Michael Attard Limited *tramite* l-impjegat taghha kkonfermat bix-xhieda taghha li l-*parts* kollha necessarji kienu disponibbli f'dak iz-zmien ta' l-incident hawn Malta, hlief ghal wahda, li kienet tigi meta ordnata fi zmien ta' mhux iktar minn tlett gimghat; dwar dan ma hemm ebda dubju li hemm nuqqas serju u gravi anke mill-*garage* li gie inkarigat direttament mis-socjeta' attrici permezz tac-Chairman taghha l-Kavalier Alfred P. Farrugia, li ma' jidhirx li ghamel l-ordnijiet necessarji f'termini ragonevoli, u wkoll tad-ditta *International Motor Parts Limited* li jidher li damet sew ma ghamlet l-ordnijiet necessarji anke ma' l-agenti lokali tal-vettura proprjeta' tas-socjeta' attrici. Fil-fatt din il-Qorti thoss li ma hemm ebda ness ta' kazwalita' bejn

l-ammont mitlub ghall-kiri ta' karozza f'din il-kawza u l-agir tal-konvenut, li *in verita`* ma kellu x'jaqsam xejn ma dan id-dewmien kollu u fil-verita` qatt ma gie konsultat hlief permezz ta' din il-kawza.

Illi anzi mill-provi prodotti u kif inghad kien hemm nuqqas serju fuq kollox ukoll mis-socjeta' attrici nnifisha li jidher li hadet kollox f'idejha, ghazlet il-*garage* fejn tissewwa l-karozza hija biss, bla ebda kuntatt mas-socjeta' assiguratrici, u ma ebda parti ohra, u fil-fatt huwa cert u ppruvat f'din il-kawza li l-istess socjeta' attrici ma ghamlet l-ebda tentattiv sabiex tinforma b'xi mod lill-konvenuti l-ohra li llum qed tharrek; mhux biss izda baqghet tippersisti li tikri l-karozza tal-kiri b'rata gholja, anke meta deher car li l-karozza taghha kienet qed iddum sew sabiex tissewwa, u anke meta u minkejjja li kienet avzata mis-socjeta' assiguratrici li tali kirja ma kenitx koperta bl-ebda polza hlief kif inghad ghall-ammont ta' Lm350, jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-polza ta' assigurazzjoni favur is-socjeta' konvenuta l-ohra; minkejja dan s-socjeta' attrici baqghet tippersisti b'dan l-agir taghha u lanqas biss iccekjat mal-agent f'Malta sabiex tara dwar d-disponibbilta` ta' l-*ispare parts*, u lanqas ikkonsultat minghand min kienet qed tikri l-karozza sabiex almenu tnaqqas ir-rata ta' l-istess kirja anke *in vista* tal-fatt li minflok ghal ftit gimghat, massimu indikat mis-Sur Farrugia ta' tlett gimghat, din il-kirja telghet ghal tmien xhur, u bir-rata' ta' Lm12.50 tibqa' l-istess.

Illi mhux hekk biss izda l-konvenut ma gie qatt ikkonsultat xejn dwar dan, u l-istess jista' jinghad ghas-socjeta' konvenuta l-ohra li kienet lesta (minhabba n-natura tax-xoghol taghha), jekk ikun il-kaz, (ghaliex hija kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni *comprehensive*) li tipprovdi vettura lis-socjeta' attrici; minflok is-socjeta' attrici ghazlet li b'mod arbitrarju taghmel kollox ghal rasha bl-ebda hsieb lanqas minimu li timminimizza d-danni, anzi din il-Qorti thoss li bl-agir taghha, u bil-mod kif xehed is-Sur Farrugia, tali danni zidithom intortament, u f'kull kaz minhabba n-nuqqas taghha bil-mod kif agixxiet u l-persuni li hija esklussivament inkarigat li jaghmlu l-istess xoghol, b'mod li jista' jinghad ukoll li tali ammont ta' kirja ghal

zmien hekk twil ma kienx kawza ta' l-incident imsemmi, izda kawza ta' l-agir tas-socjeta' attrici u tal-persuni li hija nkarigat sabiex isewwu l-karozza taghha, u n-nuqqas ta' kontroll li l-istess socjeta' attrici ezercitat fuq l-istess; dan huwa iktar serju meta jidher li tali *parts* kienu disponibbli ghand l-agent tal-vettura tas-socjeta' attrici. (**"Meli Car Rentals Limited vs Salvi Gatt"** P.A. (RCP) - 10 ta' Lulju 2000).

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda fil-konfront tas-socjeta' Garden of Eden Garage Limited ghaliex s-socjeta' attrici ma ghandha ebda relazzjoni ma' l-istess; qed tigi michuda wkoll fil-konfront tal-konvenut Paul Fenech, u dan kemm minhabba dak hawn deciz u peress li l-istess bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghad-dewmien sabiex tigi rrangata l-istess vettura mis-socjeta' attrici u anke ghaliex l-istess socjeta' attrici bil-mod kif agixxiet certament ma osservatx l-obbligu taghha sabiex timminimizza d-danni, anzi bil-kuntrarju.

Illi fl-ahharnett t-talba attrici qed tigi milqugha kif ammessa mis-socjeta' konvenuta assiguratrici skond l-ewwel eccezzjoni taghha fl-ammont ta' Lm100.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Garden of Eden Garage Limited u tal-konvenut Paul Fenech** u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Citadel Insurance plc, u fuq ammissjoni ta' l-istess socjeta' konvenuta Citadel Insurance plc ghall-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100), **tichad it-talba attrici kif proposta, nkluza d-dikjarazzjoni hemm rikjesta u ghall-ammont hemm indikat, u tilqa' minflok l-istess talba attrici biss u limitatament ghall-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) fil-konfront tas-socjeta' Citadel Insurance plc ghar-ragunijiet fuq premessi.**

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------